*Artikli 876A, 832 u 831(1)(b)*
*tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, 2 ta' Frar, 2018

**Mandat Inibizzjoni Numru 42/18 TA**

**Kevin Attard (K.I. 0310676M) ghan-nom tas-socjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876)**

**vs**

**Philip Cardona (Passaport Malti 1104928) u Mario Cardona (Passaport Malti 1105513) f'isimhom propju u ghan-nom tas-socjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tas-Socjeta` Rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2018;

Rat ir-risposta tal-intimati Cardona;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2018.

**Ikkunsidrat**

Kemm mill-Mandat odjern u kif ukoll mill-Kawza li permezz taghha giet dedotta l-pretensjoni mertu ta' dan ir-rikors (ara dokument a` fol 50), jirrizulta li qed jintalab fost ohrajn, hlas ghad-danni sofferti. Dan ifisser, li l-pretensjoni f'dawn l-atti, tista' tkun sodisfatta bi hlas ta' somma flus.

L-intimati qeghdin jilmentaw, li fost id-dettalji li tirrikjedi l-ligi ghall-hrug ta' Mandat, inkluz dak ta' Inibizzjoni, kellha tkun indikata s-somma approssimattiva ta' dawn id-danni fuq imsemmija. Dan huwa fost ohrajn rikjest, biex kull min jinhariglu mandat kontra tieghu, jitqieghed fic-certezza, li jkun jista' jehles mill-effetti tal-mandat, billi jezercita d-dritt tieghu taht artikli 830(2)(a) jew artikolu 836(1)(c),(d),(e) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex dak li jkun jitqieghed f'posizzjoni li jkun jista' jezercita d-dritt tieghu taht dawn l-artikli, bil-fors irid ikun maghruf il-quantum fi flus, imqar approssimattiv, ta' f'hiex jikkonsistu d-danni.

Artiklu 876A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li "*Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 829 sa 844 jghoddu ghal-mandat ta' inibizzjoni.*"

Jigi osservat li dan l-artiklu ma jaghmel ebda deroga bejn xorta ta' mandati ta' inibizzjoni jew iehor. Dawn l-artikli japplikaw indistintivament ghall-mandati kollha imsemmija, fosthom dak ta' Inibizzjoni.

Isegwi ghalhekk, li artiklu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta japplika ukoll ghall-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan l-artiklu specifikament jiddisponi hekk:-

"*Meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta'somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat.*"

Konsonanti ma dan il-hsieb insibu wkoll artiklu 831(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi dan li gej:-

"*It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:*

*(a)* ............................

*(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.*

*Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha."*

Minn ezami ta' dawn iz-zewg artikli, jemergi car, li t-tismija ta' somma li tista' tissodisfa l-pretensjoni bi hlas, hija rikjesta mil-ligi **taht piena ta' nullita'**. Jigifieri, il-Qorti hija b'idejha marbutin b'din il-komminazzjoni. Dan qieghed jinghad, anke fid-dawl ta' dak li jiddisponi artiklu 789(1)(a)tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li n-nullita' tal-att hija ddikjarata espressament mil-ligi stess. Nullita`, li l-anqas tista' tkun rimedjata ghaliex ma tistax tissewwa taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi. (**ara provvediment tal-*Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Joseph R. Micallef fl-Atti tal-Mandat 1052/2014/1 moghti fil-31 tal-Lulju 2013 fl-ismijiet Avukat Anthony Galea nomine -vs- Adrian Aguis***)

Maghdud ma dan kollu, il-Qorti fehmet, li d-danni li qed ikunu reklamati gew sofferti minn Kevin Attard personalment u mhux mis-Socjeta' Rikorrenti. F'dan ir-rigward il-Qorti ma thossx li ghandha taghmel osservazzjonijiet fil-fond, ghaliex kull osservazzjoni ohra tkun superfluwa.

Ghalhekk huwa konvinciment tal-Qorti, li ma jirrikorrux l-elementi necessarji fil-ligi biex tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati Cardona.

Ghaldaqstant, il-Qorti fil-waqt li qed tirrevoka contrario imperio l-ordni provvisorja taghha ghall-hrug tal-mandat permezz tad-digriet tad-9 ta' Jannar 2018, qeghdha tichad it-talbiet tas-Socjeta' Rikorrenti, bl-ispejjes kontra taghha.

Il-Qorti tordna lis-Socjeta` Rikorrenti sabiex a` spejjez taghha tinnotifika r-revoka tad-digriet tad-9 ta' Jannar 2018 lill-Awtoritajiet kompetenti.

Moghti kameralment illum, 2 ta' Frar, 2018.

**Imhallef Toni Abela**